

32006D0296

L 108/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.4.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' April 2006

li temenda l-Anness I mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE fir-rigward ta' l-importazzjonijiet ta' bovine miċ-Ċili

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 1552)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/296/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali ungulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/LEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Arikolu 3(1) u 7(e) tagħha,

Billi:

- (1) Il-Parti 1 ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 li tfassal lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom ⁽²⁾, tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi u partijiet ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti annimali ħajjin.
- (2) Iċ-Ċili talab lill-Kummissjoni sabiex tawtorizza l-importazzjonijiet ta' l-annimali bovine miċ-Ċili.
- (3) Is-sitwazzjoni tal-marda fiċ-Ċili hija aċċettabbli u, aktar minn hekk, huwa diġà elenkat għall-annimali mhux domestiċi li mhumex majjali. Iċ-Ċili għandu għalhekk jiġi elenkat għall-importazzjonijiet tal-bovine lejn il-Komunità.

(4) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha, għalhekk, tiġi emendata kif jixraq.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Parti 1 ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni 79/542/KEE tinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni ser tapplika mid-data 21/IV/2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta' April 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 320. Verżjoni kkoreġuta ĠU L 226, tal-25.6.2004, p. 128.

⁽²⁾ ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/9/KE (ĠU L 7, 12.1.2006, p. 23).

ANNEX

"ANNEX I

(ANIMALI ĦAJJIN)

Parti 1

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom (*)

Pajjiż (*):	Kodiċi tat-Territorju:	Deskrizzjoni tat-territorju	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
BG – il-Bulgarija	BG-0	Il-pajjiż kollu	—		VI
	BG-1	Il-provinċji ta' Varna, Dobrich, Silistra, Choumen, Targovitchte, Razgrad, Rousse, V.Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovdic, Smolian, Pasardjik, id-distrett ta' Sofia, il-belt ta' Sofia, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Vratza, Montana u Vidin	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y	A	
CA – il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	POR-X		IVb IX
	CA-1	Il-pajjiż kollu ħliet ir-reġjun tal-Wied ta' Okanagan tal-British Columbia kif deskritt hawn isfel: — Minn punt fuq il-fruntiera bejn il-Kanada u l-Istati Uniti 120°15' ta' lonġitudni u 49° ta' latitudni — Lejn it-Tramuntana f'punt ta' 119°35' ta' lonġitudni u 50°30' ta' latitudni — Lejn il-Grigal f'punt ta' 119° ta' lonġitudni u 50°45' ta' latitudni — Lejn in-Nofinhar minn punt fuq il-fruntiera bejn il-Kanada u l-Istati Uniti 118°15' ta' lonġitudni u latitudni ta' 49°	BOV-X, OVI-X, OVI-Y RUM (**)	A	
CH – l-Iżvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y OVI-X, OVI-Y RUM		
			POR-X, POR-Y SUI	B	
CL – l-Ċili	CL-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, OVI-X, RUM		
			POR-X, SUI	B	
GL – Greenland	GL-0	Il-pajjiż kollu	OVI-X, RUM		V
HR – il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		
IS – l-Iżlanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y RUM, OVI-X, OVI-Y		I
			POR-X, POR-Y	B	
MK – L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. (****)	MK-0	Il-pajjiż kollu			X
NZ – New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, POR-X, POR-Y OVI-X, OVI-Y		I

Pajjiż ^(a) :	Kodiċi tat-Territorju:	Deskrizzjoni tat-territorju	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
PM – St Pierre Miquelon	PM-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y CAM		
RO – ir-Rumanija	RO-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		V
XM – il-Montenegro ^(***)	XM-0	It-territorju doganali kollu ^(a)			X
XS – Is-Serbja ^(***)	XS-0	It-territorju doganali kollu ^(a)			X

(*) Is-Serbja u l-Montenegro huma Repubbliki b'sistemi doganali individwali li jiffurmaw Unjoni Statali u għalhekk jiġu elenkati separatament.

(**) Esklussivament għall-annimali ħajjin li mhumiex annimali li jagħmlu parti mill-ispeċi *cervidae*

(***) L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jaffettwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li għandha tiġi allokata wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa fin-Nazzjonijiet Uniti.

(****) Li ma jinkludix il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

(a) Is-Serbja u l-Montenegro huma Repubbliki b'sistemi doganali individwali li jiffurmaw Unjoni Statali u għalhekk jiġu elenkati separatament.

Kundizzjonijiet Speċifiċi (ara n-noti tal-qiegħ fuq kull ċertifikat):

- T': territorju fejn il-preżenza tal-BSE fil-bhejjem nattivi ġie vvalutat bħala mhux probabbli, għar-raġunijiet ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali li huma ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X u BOV-Y.
- TI': territorju li huwa rrikonoxxut li huwa uffiċjalment ħieles mit-tuberkolożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X
- III': territorju li huwa rrikonoxxut li huwa uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.
- IVa': territorju li huwa rrikonoxxut li huwa uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enżootika bovina (EBL) għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.
- IVb': territorju li fih impriżi approvati li huwa uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enżootika bovina (EBL) għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.
- V': territorju li huwa rrikonoxxut li huwa uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat OVI-X.
- VI': Restrizzjonijiet ġeografiċi
- VII': territorju li huwa rrikonoxxut li huwa uffiċjalment ħieles mit-tuberkolożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat RUM.
- VIII': territorju li huwa rrikonoxxut li huwa uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat RUM.
- IX': territorju li huwa rrikonoxxut li huwa uffiċjalment ħieles mill-marda ta' Aujeszky għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat POR-X.
- X': sal-31/12/2006 biss għat-tranżitu tul it-territorju kollu ta' l-annimali għad-diċir dirett li jiġu kkonsenjati mill-Bulgarija jew mir-Rumanija u li huma ddestinati lejn Stat Membru fi trakkijiet li ġew issiġillati permezz ta' siġilli mgħammra b' siġill innumerat b'numru tas-serje. In-numru tas-siġill għandu jiġi inkluż fiċ-ċertifikat sanitarju u s-siġill għandu jkun intatt fil-wasla fil-post ta' spezzjoni tal-fruntiera destinatarja għad-dħul fil-Komunità u rreġistrata fit-TRACES. Iċ-ċertifikat għandu jiġi ttmbrat fil-post ta' ħruġ tal-Bulgarija jew ir-Rumanija mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti qabel it-trażmissjoni lejn pajjiż terz bil-kliem xieraq li ġej "GĦAT-TRANŻITU BISS LEJN L-UE MILL-BULGARIJA/MIR-RUMANIJA (ħassar kif jixraq) MILL-EX REPUBBLIKA JUGOŽLAVA TAL-MAĊEDONJA/MILL-MONTENEGRO/MIS-SERBJA (ħassar il-pajjiż kif japplika)."